MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 888/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Spiteri**
**Spettur Keith Arnaud**
**v**

**JOSEPH GRECH**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH GRECH** ta' tlieta w erbghin sena bin Joseph u Josephine nee Farrugia, imwieled Hal Qormi nhar d-disgha ta' Marzu 1963 u residenti St. Mary Flats, Flat 7, Triq Andrew Cunningham Qawra, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 156363M flimkien ma persuna ohra gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-ghoxrin ta' Awissu 2006, ghal habta tal-erbgha ta' filghodu f'Empire Street, Gzira, bil-

hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq tal-vettura tal-marka Mazda E2200 b'numru ta' registrazzjoni OSA 001 ghad-dannu ta' Emanuel Degiorgio minn San Gwann, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal PC 240 waqt il-qadi ta' dmirijietu kif wkoll ingurja lil PC 240 u lil PC 1188 u fixkilhom jew influwenzhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex orndijiet legittimi mahruga minn ufficcjali pubblici inkarigati minn harsien tal-ligi u fl-istess hin irrezista l-arrest ta' dawn iz-zewg ufficcjali billi harab mill-post imsemmi meta nhargitlu ordni legittima sabiex jieqaf;

4. Talli sar recidiv fuq diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala dokument CSH [fol 26] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena, il-Qorti semghet lil Probation Officer Marietta Lanzon tixhed fis-seduta tas-sitta t'Ottubru 2008 u fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008 fejn spjegat li l-imputat ghamel progress kbir f'hajtu tant li m'ghadx ghandu l-problema t'abbuza mid-droga. Spjegat wkoll li l-imputat illum il-gurnata ghandu relazzjoni stabbli mas-sieħba tieghu u li minn din r-relazzjoni ghandu tlett itfal. Spjegat li ghandu mpjieg fiss u skond r-records tal-ETC qed jahdem bhala truck driver mas-socjeta G&P Borg Limited. Il-Probation Officer kienet tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex ma jmurx il-habs w ghalhekk irrakkomandat li ghandu jinghata ordni ta' supervizzjoni.

Minn naha l-ohra, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 8 et seq tal-atti, minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi fi hdax l-okkazzjoni meta nstab hati fuq akkuzi li kkaguna feriti ta' natura hafifa, serq, ingurja u theddid fuq Ufficcjali Pubblici, kif wkoll pussess u traffikar ta' droga, fejn inghata pieni karcerarji, multi u probation.

Illi l-imputat inghata wkoll l-akkuza ta' recidiva w ghalhekk din il-Qorti hija projbita milli taghti sentenza sospiza b'ordni ta' supervizzjoni kif issuggerit il-Probation Officer.

Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qed tpoggi lil imputat taħt ordni ta' probation ai terimini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu massimu permess mill-ligi.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH GRECH hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddecidi li tpoggih taħt ordni ta' probation ghal**

**perjodu massimu permess mill ligi ta’ tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat izomm boghod mid-droga u li jaghmel lilu disponibbli ghal kull test li l-Probation Officer jidhirlu opportun li ghandu jaghmel sabiex jassigura li qed izomm boghod mid-droga;**
**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta’ tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spetturi Malcolm Spiteri**
**Spettur Keith Arnaud**
**V**

**JOSEPH GRECH**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, …………………………… 2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **JOSEPH GRECH** ta' tlieta w erbghin sena bin Joseph u Josephine nee Farrugia, imwieled Hal Qormi nhar d-disgha ta' Marzu 1963 u residenti St. Mary Flats, Flat 7, Triq Andrew Cunningham Qawra, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 156363M **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata JOSEPH GRECH** ta' tlieta w erbghin sena bin Joseph u Josephine nee Farrugia, imwieled Hal Qormi nhar d-disgha ta' Marzu 1963 u residenti St. Mary Flats, Flat 7, Triq Andrew Cunningham Qawra, detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 156363M

**titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

**1. li l-imputat izomm boghod mid-droga u li jaghmel lilu disponibbli ghal kull test li l-Probation Officer jidhirlu opportun li ghandu jaghmel sabiex jassigura li qed izomm boghod mid-droga;**

**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..
**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------